Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,842, 28 ta' Settembru, 1999
Taqsima B

A.L. 165 ta' l-1999

ATT DWAR l-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti Post-Sekondarji u Terzjarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin -

Titolu, applikabilita' u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Għotjiet ta' Manteniment ghal Studenti Post-Sekondarji u Terzjarji, 1999.

(2) (a) Salv għal kif provdut hawn aktar 'il quddiem, dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal -

(i) studenti *full-time* li jibdew xi kors post-sekondarju fi jew wara l-1 ta' Ottubru, 1999, kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(ii) studenti *full-time* li jidħlu fl-Università ta' Malta fi jew wara l-1 ta' Ottubru, 1999, biex isegwu xi kors *undergraduate* kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(iii) studenti *full-time* li jidħlu fl-Università ta' Malta fi jew wara l-1 ta' Ottubru, 1999, biex isegwu xi wieħed mill-korsijiet għal grad *post-graduate* indikati fil-Parti II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(b) Dawk l-istudenti *full-time* bħalma huma msemmija f'paragrafu (a) ta' dan ir-regolament u li jkomplu l-kors ta' studji tagħhom jew parti minnu barra l-pajjiż taht skemi approvati mill-Ministru, ikomplu jkunu intitolati għal għotja ta' manteniment għal studenti kif provdut hawn aktar 'il quddiem.

(ċ) Dawn ir-regolamenti ghandhom jibdew isehħu fl-1 ta' Ottubru, 1999.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' Tmexxija dwar l-Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti, imwaqqaf skond ir-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" ifisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"għotja ta' manteniment" ifisser il-benefiċċji finanzjarji mħallsa lil studenti post-sekondarji u terzjarji biex jiffaċilitaw u jħeġġu l-kontinwazzjoni ta' kull għamla ta' edukazzjoni post-sekondarja *full-time*.

Parti I - Eliġibilita' ta' Studenti Post-Sekondarji għal Għotja ta' Manteniment

Għotja ta' manteniment għal studenti post-sekondarji.

3. Għandha titħallas għotja ta' manteniment lil studenti *full time* li jkunu rreġistraw u /jew ġew aċċettati biex isegwu kors ta' studji kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u illi—

(a) ikunu ċittadini ta' Malta, jew studenti li għallinqas ikollhom ġenitur wieħed li jkollu ċittadinanza Maltija; u

(b) kienu residenti Malta għal perijodu ta' mhux anqas minn ħames snin mid-data tal-bidu tal-kors ta' studju rilevanti; u

(ċ) ikunu temmew iż-żmien tagħhom ta' edukazzjoni obbligatorja; u

(d) ikunu qegħdin jattendu l-kors tagħhom regolarment u jagħmlu progress sodisfaċenti:

Iżda dawk l-istudenti li jkollhom jirrepetu xi sena mill-kors magħżul ta' studji tagħhom, ma jkollhomx jedd jirċievu l-għotja ta' manteniment matul dik is-sena li huma jkunu qegħdin jirrepetu;

Iżda wkoll dawk l-istudenti li jkollhom element ta' xogħol imħallas bħala parti mill-kors tagħhom, għandhom jirċievu għotja ta' manteniment pro-rata applikabbli biss għal dawk il-perjodi ta' studju matul żmien il-kors li ma jirċevux ħlas għalihom;

Iżda wkoll, studenti li l-progress tagħhom (kif meqjus permezz ta' proċeduri perjodiċi ta' stima) jitqiesu li ma jkunux sodsifaċenti, jew li ma jkunux qegħdin jattendu dak il-kors regolarment, jitilfu d-dritt li jirċievu l-għotja ta' manteniment sa dak iż-żmien meta l-Kap tal-kors konċernat jiċċertifika li tali studenti jkunu reġgħu qed jagħmlu progress sodisfaċenti jew li jkunu qed jattendu regolarment;

Iżda wkoll li, studenti jistgħu jithallew jirċievu xi remunerazzjoni oħra jekk jiġi ddikjarat bil-miktub mill-awtoritajiet edukattivi kompetenti li x-xogħol li jkunu qegħdin iwettqu ma jfixkilx id-dmirijiet tagħhom bħala studenti *full-time*, u li meta jingħata permess, fil-każ li r-remunerazzjoni għal dak ix-xogħol tkun teċċedi s-somma ta' l-għotja ta' manteniment, ammont ekwivalenti għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni għax-xogħol u l-ammont imħallas bħala għotja ta' manteniment għandu jiġi mnaqqas mill-għotja tal-manteniment. Barra minn hekk, jekk studenti li jkunu qegħdin jagħmlu xi xogħol remunerattiv ieħor jonqsu milli jagħmlu din id-dikjarazzjoni u/jew jonqsu milli jiddikjaraw l-ammont korrett ta' remunerazzjoni riċevuta, huma jitilfu d-dritt li jirċievu l-għotja ta' manteniment għal matul dik is-sena akkademika.

Rati ta' l-għotja ta' manteniment għal studenti post-sekondarji.

4. Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt ir-regolament li jiġi minnufih qabel dan, jiġu mħallsa għotja ta' manteniment kif preskritt f'Parti I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Għotja ta' manteniment speċjali.

5. Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jippreskrivi fil-Parti I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, dawk il-korsijiet li għalihom tista' titħallas għotja ta' manteniment speċjali.

Għotja ta' manteniment supplimentari.

6. Studenti li, minħabba xi tbatija li dwarha jingħiebu l-provi, jitqiesu mill-Bord li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment supplimentari, għandhom jirċievu rata fissa u addizzjonali darba fix-xahar kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

Perjodi ta' ħlas.

7. (1) Il-parti fissa ta' kull xahar ta' l-għotja ta' manteniment titħallas matul is-sena akkademika, inklużi il-vaganzi tal-Milied u ta' l-Għid, iżda esklużi l-vaganzi tas-Sajf.

(2) Fejn l-istruttura ta' xi kors partikulari hekk titlob, il-Ministru jista' japprova l-ħlas ta' għotja ta' manteniment matul il-vaganzi tas-Sajf.

Parti II - Eliġibilita' ta' Studenti Universitarji għal Għotja ta' Manteniment

Għotja ta' manteniment għal studenti universitarji.

8. Għandha tithallas għotja ta' manteniment lil studenti li jkunu rreġistraw u ġew aċċettati mill-Universita' ta' Malta bħala studenti regulari għal kors *full-time* ta' matul il-jum f'kors ta' studji kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti li—

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; u

(b) kienu residenti Malta għal perijodu ta' mhux anqas minn ħames snin mid-data tal-bidu tal-kors ta' studju rilevanti; u

(ċ) ma jkunux għalqu 30 sena meta jibda l-kors; u

(d) ikunu qegħdin jattendu regolarment u jagħmlu progress sodisfaċenti:

Iżda dawk l-istudenti li jkunu għalqu 30 sena meta jibda l-kors u li jkunu ssodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra ta' hawn aktar qabel jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment meta dawk l-istudenti jkunu s-sors prinċipali ta' għajxien fil-familja tagħhom u l-Bord iqis li jkun jistħoqqilhom dik l-għotja ta' manteniment;

Iżda wkoll li studenti li jkollhom jirrepetu xi sena mill-kors ta' studju li jkunu għażlu, ma jkollhomx jedd għal għotja ta' manteniment matul dik is-sena li jkunu qed jirrepetu;

Iżda wkoll, studenti li l-progress tagħhom (kif meqjus permezz ta' proċeduri perjodiċi ta' stima) jitqiesu li ma jkunux sodisfaċenti, jew li ma jkunux qegħdin jattendu dak il-kors regolarment, jitilfu d-dritt li jirċievu l-għotja ta' manteniment sa dak iż-żmien li l-Universita' tiċċertifika li tali studenti jkunu reġgħu qed jagħmlu progress sodisfaċenti jew li jkunu qed jattendu regolarment;

Iżda wkoll, studenti jistgħu jitħallew jirċievu xi remunerazzjoni oħra jekk jiġi ddikjarat mill-awtoritajiet ta' l-Università li x-xogħol li jkunu qed jagħmlu ma jkunx ifixkel id-dmirijiet tagħhom bħala studenti *full-time*, u li meta jingħata permess, jekk ir-remunerazzjoni għal dak ix-xogħol tkun teċċedi s-somma ta' l-għotja ta' manteniment, ammont ekwivalenti għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni għax-xogħol u l-ammont imħallas bħala għotja ta' manteniment għandu jiġi mnaqqas mill-għotja tal-manteniment. Barra minn hekk, jekk studenti li jkunu qed jagħmlu xi xogħol ieħor rimunerattiv jonqsu milli jagħmlu dik id-dikjarazzjoni u/jew jonqsu milli jiddikjaraw l-ammont korrett ta' rimunerazzjoni riċevuta, huma jitilfu d-dritt li jirċievu għotja ta' manteniment matul dik is-sena akkademika.

Rati ta' l-għotja ta' manteniment għal studenti universitarji.

9. Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt ir-regolament preċedenti, jiġu mħallsa għotja ta' manteniment kif preskritt fil-Parti II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Għotja ta' manteniment lil studenti *undergraduate*.

10. Għandha tithallas għotja ta' manteniment indikata fil-Parti II (A) ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil studenti li jkunu qed isegwu korsijiet *undergraduate* fl-Università.

11. Studenti li, minħabba f'xi tbatija li dwarha jingiebu l-provi, jitqiesu mill-Bord li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment supplimentari, għandhom jirċievu rata fissa u adizzjonali darba fix-xahar kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Għotja ta' manteniment supplimentari.

12. Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli mill-finanzi, jippreskrivi fil-Parti II (B) ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, dawk il-korsijiet li għalihom tista' titħallas għotja ta' manteniment speċjali. Għotja ta' manteniment speċjali.

13. Għandha titħallas għotja ta' manteniment indikata fil-Parti II (C) ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil dawk l-istudenti li jkunu qed isegwu korsijiet *post-graduate* fl-Università ta' Malta. Għotja ta' manteniment lil studenti *post-graduate*.

14. Il-Ministru għandu, f'Ġunju ta' kull sena, jippubblika avviż fil-Gazzetta li fih jindika dawk l-oqsma ta' studji fejn ikun ippruvat li jkun hemm nuqqas ta' riżorsi umani kwalifikati fihom, u jelenka dawk il-korsijiet *post-graduate* ta' l-Università li jkunu skedati li jibdew fix-xahar li jmiss ta' Ottubru f'dawk l-oqsma ta' studji li għalihom l-istudenti jkunu ntitolati għal għotja ta' manteniment. Dak l-avviż jista' jindika wkoll l-għadd ta' postijiet f'kull kors *post-graduate* partikolari li dwaru tkun ser titħallas għotja ta' manteniment. Il-Ministru jippubblika avviż.

15. (1) Il-parti fissa ta' kull xahar ta' l-għotja ta' manteniment titħallas tul is-sena akkademika, inklużi il-vaganzi tal-Milied u ta' l-Għid, iżda esklużi l-vaganzi tas-Sajf. Perjodu ta' ħlas.

(2) Meta l-istruttura ta' xi kors partikolari hekk teħtieġ, il-Ministru jista' japprova l-ħlas ta' għotja ta' manteniment matul il-vaganzi tas-Sajf.

Parti III - Bord ta' Tmexxija dwar Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti

16. Qiegħed jitwaqqaf Bord ta' Tmexxija dwar Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti biex jamministra l-allokazzjoni ta' għotjiet ta' manteniment lil studenti f'livelli post-sekondarji u terzjarji u biex jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar affarijiet ta' *policy*. Twaqqif tal-Bord.

17. Il-Bord ikun maħtur mill-Ministru u jkun magħmul minn – Kompożizzjoni tal-Bord.

(a) President;

(b) membru li jirrappreżenta lid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

(ċ) membru nominat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi;

(d) membru nominat mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ;

(e) membru nominat mir-Rettur ta' l-Università ta' Malta;

(f) membru nominat mill-Kunsill Studenti Universitarji (KSU);

(g) membru magħżul minn fost il-membri tal-Kunsilli ta' l-Istudenti post-sekondarji;

(h) segretarju.

Impjegati tal-Bord.

18. Il-Bord għandu jassigura kull livell u komplement meħtieġ ta' persunal amministrattiv li jkunu jistgħu jgħinuh iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti.

Funzjonijiet tal-Bord.

19. Il-funzjonijet tal-Bord ikunu li:

(a) jimmaniġġa u jissorvelja l-allokazzjoni effettiva u l-ħlas ta' l-għotjiet ta' manteniment lil studenti ta' livelli post-sekondarji u terzjarji;

(b) jifformula u regolarment jirrevedi il-proċeduri għar-rigward ta' għemil ta' stima, allokament, ħlas u kull jedd għal għotjiet ta' manteniment;

(ċ) jistabilixxi l-kriterji u jistima, jiddeċiedi dwar, u jirrevedi applikazzjonijiet għal għotja ta' manteniment supplimentari, skond kif preskritti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li jkunu saru minn studenti f'każijiet ta' tbatija finanzjarja speċjali;

(d) jikkonsidra rapporti li jirċievi mingħand l-awtoritajiet edukattivi kompetenti rigward il-progress akkademiku ta' l-istudenti u japplika sanzjoniijet meta l-ħtiġiet minimi ma jkunux qed jintlaħqu;

(e) jissorvelja kull remunerazzjonijiet oħra mħallsa direttament lil studenti għal xogħol approvat taħt il-*provisos* għar-regolamenti 3 u 8 ta' dawn ir-regolamenti;

(f) jagħti b'subappalt servizzi minn entijiet oħra meta dan ikun aktar effettiv fin-nefqa u effiċjenti għal amministrazzjoni u ħlas aħjar ta' l-għotjiet ta' manteniment ta' l-istudenti, speċjalment dawk il-partijiet ta' l-għotjiet li huma maħsuba li jkopru l-ispejjeż relatati max-xiri ta' materjal u apparat edukattiv;

(g) jippjana u jimplementa b'mod effettiv fin-nefqa kull skema ta' esperjenza ta' xogħol għal studenti li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jiddeċiedi li jipprovdi;

(h) jirrikmanda tibdil fil-*policy* nazzjonali dwar l-appoġġ finanzjarju fl-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja.

Dispożizzjoni ġenerali dwar korsijiet fl-istess livell.

20. Studenti li jkunu qed isegwu it-tieni kors jew kors sussegwenti wara li jkunu lestew jew parzjalment segwew xi kors ieħor ta' l-istess livell, ma jkunux intitolati li jirċievu għotja ta' manteniment għal dak il-perjodu ta' żmien li jkun ekwivalenti għaż-żmien kollu tal-kors ta' qabel, jekk għall-kors ta' qabel kienu qed jirċievu għotja ta' manteniment. Dawk l-istudenti jkunu ntitolati biss għal għotja ta' manteniment għall-perjodu li jifdal wara t-tmiem ta' l-ewwel perjodu minħajr l-għotja ta' manteniment:

Iżda meta kors ikun ikompli minn diploma għal livell ta' grad ġenerali, jew minn grad ġenerali għal livell ta' grad bl-unuri, jew minn grad għal dottorat fil-Liġi jew fil-Mediċina u Kirurġija, dan ma jkunx jitqies bħala t-tieni kors jew kors sussegwenti għall-finijiet ta' dan ir-regolament.

Għotja ta' manteniment f'ċirkostanzi speċjali.

21. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista', f'ċirkostanzi speċjali u bil-parir tal-Bord, jordna l-ħruġ ta' għotja ta' manteniment skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil studenti li ma jkunux eliġibbli għal din l-għotja taħt dawn ir-regolamenti, iżda li jkunu qed isegwu xi wieħed mill-korsijiet indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Studenti fuq *leave* bi ħlas jew b'kuntratt ma' min iħaddem.

22. Studenti li jsegwu wieħed mill-korsijiet indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, waqt li jkunu qegħdin fuq *leave* għal skop ta' studju mħallas minn min iħaddimhom, jew li jaċċettaw offerta li jidħlu f'kuntratt ma' min iħaddem fejn jorbtu lilhom infushom li jaħdmu ma' dak li jħaddimhom wara li jkunu temmew il-kors tagħhom, u li għaldaqshekk ikunu jibbenefikaw mill-paga jew mir-remunerazzjoni miftehma, ikunu intitolati għal dik il-paga jew remunerazzjoni minflok l-għotja ta' manteniment kif provdut fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Provvedimenti Transitorji.

23. (1) Studenti *full-time* li bdew kors tas-*Sixth Form* rikonoxxut qabel l-1 ta' Ottubru, 1999, u li waslu biex ilestu t-tieni

sena ta' dan il-kors, jibqgħu jkunu eliġibbli għall-*allowance* ta' kull xahar provduta fir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' *Allowance* għal Studenti tas-*Sixth Form*.

(2) Dawk l-istudenti kollha li jkunu bdew kors ta' l-Università ta' Malta qabel l-1 ta' Ottubru, 1997, u li kienu qed jirċievu stipendju skond ir-Regolamenti tal-1994 dwar Rati Riveduti ta' Stipendji għal Studenti Universitarji, 1994, jibqgħu jkunu eliġibbli għal dan l-istipendju.

Revoka ta' diversi regolamenti.

24. Minghajr preġudizzju għar-regolament 23 ta' dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti li ġejjin qeghdin b'dawn jiġu revokati:

— Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' *Allowance* għal Studenti tas-*Sixth Form* - Avviż Legali 132 ta' l-1996;

— Regolamenti ta' l-1998 dwar Stipendji għal Studenti Universitarji - Avviż Legali 5 ta' l-1998;

— Regolamenti ta' l-1998 dwar Rati ta' Stipendji għal Korsijiet *Post-Graduate* għal Studenti Universitarji - Avviż Legali 200 ta' l-1998.

SKEDA

Għotjiet ta' Manteniment lil Studenti fl-Edukazzjoni Post-Sekondarja u Terzjarja

Parti I - Studenti Post-Sekondarji

Studenti li, skond il-provvedimenti stabbiliti bir-regolament 3, jkunu temmew iż-żmien ta' edukazzjoni obbligatorja, u jkunu qed isegwu xi wieħed mill-korsijiet *full-time* li ġejjin f'istituzzjonijiet edukattivi post-sekondarji approvati, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment kif ġej għal matul il-kors ta' studju:

Korsijiet Post-Sekondarji *Full-Time*	**Għotja ta' Manteniment lill-Istudenti**
• *Matriculation Certificate Examination Course* • *Ordinary Level Revision Course* • *Banking Course* (Liċeo Superjuri Paolino Vassallo) • *Advanced-Ordinary Level Course* • *Technology Education Foundation Course* • *General Course in Engineering* • *Hairdressing Beauty Therapy Course* • *Pre-Vocational Course (Health Care)* • *Secretarial Course* • *Insurance and Commercial Studies Course* • *Accounting Technicians Course* • *Deck Officers Course* (Skola Nawtika) • *Engineering Officers Course* (Skola Nawtika) • *Pre-School (Kindergarten Assistants)*	L-istudenti jirċievu għotja ta' manteniment li titħallas kif ġej: 1. Rata fissa ta' Lm40 kull xahar, li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju tul iż-żmien tal-kors tagħhom; 2. Rata ta' Lm100 li tingħata darba kull sena skolastika biex parzjalment tkopri spejjeż relatati ma' materjal u apparat edukattiv. Għotja ta' Manteniment Supplimentari ta' Lm20 fix-xahar tingħata skond il-provvedimenti tar-regolament 6.

Part II: Studenti Universitarji

Studenti f'Korsijiet *Undergraduate*

Studenti li, skond il-provvedimenti stabbiliti bir-regolament 8, ikunu qed isegwu kors *full-time* li jwassal għal grad *undergraduate* fl-Università ta' Malta, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment kif ġej għal matul il-kors ta' studji tagħhom:

Korsijiet	Għotja ta' Manteniment lill-Istudenti
Korsijiet *full-time* li jwasslu għal diploma, *degree*, LL.D. u M.D. offruti mill-Universita' ta' Malta skond l-Istatuti tagħha.	L-istudenti jirċievu għotja ta' manteniment li titħallas kif ġej: 1. Rata fissa ta' Lm60 fix-xahar, li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju tul iż-żmien tal-kors ta' studji tagħhom; 2. Lm200 kull sena akkademika, sabiex parzjalment tkopri spejjeż relatati ma' materjal edukattiv; 3. Lm400 imħallsa fuq bażi ta' darba biss biex parzjalment tkopri spejjeż relatati max-xiri ta' apparat edukattiv. Għotja ta' manteniment supplimentari ta' Lm60 fix-xahar tingħata skond il-provvedimenti tar-regolament 11.

B. Għotja ta' Manteniment Speċjali

Studenti li, skond il-provvedimenti stabbiliti bir-regolament 12, ikunu qed isegwu kors *full-time* fl-Università ta' Malta minn fost il-korsijiet elenkati li ġejjin, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment speċjali kif ġej għal matul il-kors ta' studji tagħhom:

Korsijiet	Għotja ta' Manteniment Speċjali lill-Istudenti
- *B.A.(Hons) Social Work* - *B.A.(Hons) Social Administration* - *B.Sc. Medical Laboratory Science* - *B.Sc. Radiology* - *B.Sc Physiotherapy* - *B.Sc. Occupational Therapy* - *B.Sc. Environmental Health* - *Diploma Nursing* - *Diploma Midwifery* - *Diploma in Psychiatric Nursing* - *Certificate in Nursing Practice* - *Diploma Radiography* - *Diploma Medical Laboratory Science* - *Diploma Environmental Health*	L-Istudenti jirċievu għotja ta' manteniment speċjali li titħallas kif ġej: 1. Rata fissa ta' Lm90 fix-xahar li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju tul iż-żmien tal-kors ta' studji tagħhom; 2. Lm200 kull sena akkademika, biex parzjalment tkopri spejjeż relatati ma' materjal edukattiv; 3. Lm400 li titħallas fuq bażi ta' darba biss biex parzjalment tkopri spejjeż relatati max-xiri ta' apparat edukattiv. Għotja ta' manteniment supplimentari ta' Lm60 fix-xahar tingħata skond il-provvedimenti tar-regolament 11.

C. Studenti *Post-Graduate*

Studenti *full-time* li, skond ir-regolamenti 13 u 14, ikunu isegwu kors *post-graduate* għandhom, għal tul iż-żmien tal-kors ta' studji tagħhom, jitħallsu għotja ta' manteniment kif ġej:

(a) rata fissa ta' Lm60 fix-xahar għal tul il-kors ta' studji tagħhom; u

(b) jekk, minħabba fi tbatija li dwarha jingiebu provi, student jitqies mill-Bord li jikkwalifika għal Għotja ta' Manteniment Supplimentari, dak l-istudent jirċievi rata addizzjonali ta' Lm60 fix-xahar.